MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 2374/2000/1

**E. Grech Cristal Bath Limited**

**v.**

**Dr Beppe Fenech Adami u P.L. Hilda Ellul Mercer li b'digriet tat-30 ta' Novembru 2000 ġew nominati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà estera Isea s.p.a.; u b'digriet tas-7 ta' Mejju 2001 Dr. Beppe Fenech Adami gie sostitwit b'Dr Norval Desira**

**Il-Qorti:**
**Preliminari:**

B'ċitazzjoni pprezentata fil-31 ta' Ottubru 2000, is-socjeta` attrici ppremettiet illi f'dawn l-aħħar snin is-soċjetà konvenuta kienet tbiegħ lill-attriċi *water heaters* illi l-attriċi kienet imbagħad tbiegħ lill-klijenti tagħha taħt garanzija għal żmien ta' sentejn jew sitt snin; illi hafna minn dawn il-*water heaters* kienu difettużi u, minħabba l-garanzija mogħtija ma' kull bejgħ, is-soċjetà attriċi kellha tieħu lura l-*water heaters* difettużi u jew trodd il-prezz imħallas lilha jew tibdilhom b'oħrajn li kienet tixtri bi prezz ogħla, għax il-konvenuta naqset mid-dmir tagħha li tibgħat *water heaters* biex jagħmlu tajjeb għall-garanziji; illi s-soċjetà attriċi daret fuq dik konvenuta biex troddilha l-prezz li hi ħallset lill-konvenuta, u wkoll l-ispejjeż u d-danni relativi, u, wara korrispondenza u laqgħat bejn il-partijiet, sar ftehim illi l-konvenuta tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet ta' l-attriċi u sar ftehim ukoll dwar kif kellu jsir il-ħlas; sal-lum iżda lill-attriċi għadhom isirulha lmenti taħt il-garanziji, u għalhekk l-attriċi qiegħda tkun imġiegħla tieħu lura l-*water heaters* difettużi u trodd il-prezz;  sat-18 ta' Settembru 2000 l-ammont tela' għal tmien miljuni, ħames mija u disgħa u erbgħin elf, sitt mija u erbgħa u għoxrin lira Taljana (Lit 8,549,624).   Għalkemm l-attriċi sejħitilha kemm-il darba biex tħallas dan l-ammont, il-konvenuta baqgħet ma ħallsitx u għalhekk l-attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-Qorti, wara li tgħid illi s-soċjetà konvenuta għandha tħallas lis-soċjetà attriċi dak li l-attriċi raddet lill-klijenti tagħha għal kull *water heater* difettuż, tikkundanna lill-konvenuta tħallasha daqskemm dakinhar tas-sentenza jkunu jiswew fi flus Maltin tmien miljuni, ħames mija u disgħa u erbgħin elf, sitt mija u erbgħa u għoxrin lira Taljana (Lit 8,549,624), flimkien ma' l-imgħax minn dakinhar tan-notifika taċ-ċitazzjoni sa meta jsir il-ħlas, u l-ispejjeż.

Il-kuraturi li nħatru biex jidhru għas-soċjetà konvenuta ressqu l-eċċezzjoni illi huma ma jafux il-fatti tal-każ, u għalhekk iressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom aktar 'il quddiem.

Is-soċjetà konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

"1. is-soċjetà attriċi trid tagħmel il-prova kemm tad-difett fil-water heaters kif ukoll illi d-difett huwa milqut bil-garanzija li tat il-konvenuta meta bigħet il-water heaters;

"2. taħt l-art. 1427 tal-Kodiċi Ċivili, ix-xerrej jista' jew irodd il-ħaġa mibjugħa u jitlob li jintradd lilu l-prezz, jew iżomm il-ħaġa bi tnaqqis fil-prezz; fil-każ tallum is-soċjetà attriċi qatt ma raddet il-ħwejjeġ mibjugħa, għalkemm sarulha talbiet għalhekk mill-konvenuta;

"3. it-talba għall-ħlas ta' l-ispejjeż u d-danni ma tistax tintlaqa' għax il-konvenuta ma kinitx taf bid-difett meta sar il-bejgħ; u

"4. f'kull każ, jekk il-qorti tagħti raġun lill-attriċi, għandha ssir tpaċija ma' parti minn somma akbar illi l-attriċi għandha tagħti lill-konvenuta, u li hija l-meritu tar-rikonvenzjoni."

Il-konvenuta nqdiet bil-proċeduri mibdija mill-attriċi biex tressaq kontro-talba. Fissret illi għandha tieħu mingħand is-soċjetà attriċi tmien miljuni, tliet mija u tmienja u tmenin elf, seba' mija u għaxar liri Taljani (Lit 8,388,710) prezz ta' *water heaters* mibjugħa u konsenjati, iżda l-attriċi, għalkemm imsejħa biex tħallas, baqgħet ma ħallsitx. Għalhekk qiegħda titlob illi l-Qorti tikkundanna lill-attriċi tħallasha tmien miljuni, tliet mija u tmienja u tmenin elf, seba' mija u għaxar liri Taljani (Lit 8,388,710) jew daqskemm dakinhar tas-sentenza jkunu jiswew fi flus Maltin, flimkien ma' l-ispejjeż u l-imgħax minn dakinhar tas-sentenza sa meta jsir il-ħlas.

Is-soċjetà attriċi resqet dawn l-eċċezzjonijiet għar-rikonvenzjoni:

"1. il-ħwejjeġ mibjugħa kienu ta' kwalità ħażina u ma kinux tal-kwalità miftiehma, tant illi l-klijenti tagħha tawhomlha lura u kellha jew tibdilhomlhom jew troddilhom il-prezz; u

"2. is-soċjetà konvenuta kienet intrabtet li tagħmel tajjeb għall-ilmenti li kienu qegħdin isiru lill-attriċi; għalhekk, kull ammont li jista' jkollu jingħata lill-konvenuta għandu jkun paċjut ma' dak li qiegħda titlob is-soċjetà attriċi fiċ-ċitazzjoni."

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fit-3 ta' Gunju, 2005 bil-mod segwenti:-
*"Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża u tiddisponi kemm mit-talbiet ta' l-attriċi u kif ukoll mill-kontro-talbiet tal-konvenuta billi tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi ħamsa u tletin lira u tmienja u sittin ċenteżmu (Lm35.68) flimkien ma' l-imgħaxijiet mitluba fiċ-ċitazzjoni. Billi l-attriċi għamlet sew li ma ħallsitx ladarba kellha tieħu mingħand il-konvenuta, l-ispejjeż kemm tal-kawża ewlenija kif ukoll tar-rikonvenzjoni tħallashom il-konvenuta."*

U dana wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet.

"Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

"Is-soċjetà attriċi kienet xtrat kwantità ta' *water heaters* mingħand il-konvenuta biex l-attriċi mbagħad tbigħhom lill-klijenti tagħha.  Ġara illi ħafna mill-klijenti ta' l-attriċi li xtraw dawn il-*water heaters* bdew joħduhom lura għax sabuhom difettużi, u kienu jippretendu, taħt il-garanzija, jew illi jintraddulhom il-flus jew illi jingħataw *water heater* ieħor flok dak difettuż.

"B'ittra tal-25 ta' Novembru 1997[1], is-soċjetà konvenuta ntrabtet "*to change all the faulty boilers*", iżda, billi kienet waqgħet lura fl-ordnijiet, ma bagħtitx konsenja oħra ta' *water heaters* biex l-attriċi tkun tista' tagħtihom lill-klijenti tagħha flok il-*water heaters* difettużi.

"Billi l-kwistjoni baqgħet pendenti, ġew Malta xi diriġenti tal-konvenuta u ftiehmu illi l-konvenuta trodd lill-attriċi għaxar miljuni, tliet mija u tmenin elf lira Taljani (Lit 10,380,000), b'dan illi l-ħlas kellu jsir billi l-attriċi tnaqqas kull darba parti minn tlieta (⅓) minn din is-somma

[1] *Fol*. 48.

mill-ħlas għall-ewwel tliet ordnijet li kellha tagħmel lill-konvenuta. Dan il-ftehim tixhdu l-ittra tal-konvenuta tas-27 ta' Mejju 1998[2], li tgħid ukoll illi l-ftehim kien dwar pendenzi sal-31 ta' Jannar 1998, u illi "*if you have any other claims after this date, this is not included in the agreement"*

.

"Il-konvenuta bagħtet konsenja oħra ta' *water heaters* illi mill-prezz tagħha ta' wieħed u tletin miljun, tliet mija u wieħed u erbgħin elf u seba' mitt lira Taljani (Lit 31,341.700) tnaqqset is-somma ta' erba' miljuni, mitejn u disgħa u tmenin elf, mija u għoxrin lira Taljani (Lit 4,289,120)[3].

"Ġara iżda illi lill-attriċi baqgħu jsirulha lmenti mill-klijenti tagħha wkoll wara Jannar ta' l-1998, u lil dawn il-klijenti wkoll kellha jew troddilhom il-prezz li ħallsu jew tibdlilhom il-*water heater*. Is-soċjetà attriċi għalhekk żammet ukoll il-bqija tal-ħlas tal-prezz tal-konsenja, *i.e*. żammet ukoll id-differenza bejn il-prezz tal-konsenja u l-erba' miljuni, mitejn u disgħa u tmenin elf, mija u għoxrin lira Taljani (Lit 4,289,120) mnaqqsa skond il-ftehim. Eventwalment, dik il-bqija ttieklet kollha biex tagħmel tajjeb għal dak li l-attriċi kellha trodd lill-klijenti tagħha, u anzi fadlilha tieħu daqskemm qiegħda titlob fiċ-ċitazzjoni.

"Il-konvenuta, billi ma tħallsitx għall-ewwel konsenja, ma bagħtitx iż-żewġ konsenji ta' wara li minnhom kellu jitnaqqas l-ammont miftiehem sal-31 ta' Jannar, 1998. Issa qiegħda tippretendi l-ħlas ta' tmien miljuni, tliet mija u tmienja u tmenin elf, seba' mija u għaxar liri Taljani (Lit 8,388,710), li waslet għalih hekk wara li naqqset kemm dak li kellu jitnaqqas mill-prezz taż-żewġ konsenji li baqgħu ma sarux, kif ukoll dak li l-attriċi kellha trodd lill-klijenti tagħha bejn Frar ta' l-1998 u Frar ta' l-1999[4]. Għalkemm qiegħda titlob dan il-ħlas, fl-ittra tagħha tad-9

---

2 *Fol*. 46.

3 *Fol*. 55.

4 *Fol*. 342.

ta' Marzu 1999 intrabtet illi "*we will continue to honour all pending claims, as we have always done*"[5].

"Dan kollu juri illi s-soċjetà konvenuta, ukoll wara illi tekniku tagħha kien ra l-*water heaters* li l-klijenti ta' l-attriċi kienu qegħdin jagħtuhomlha lura, aċċettat il-fatt illi l-*water heaters* minnha konsenjati kienu difettużi u illi kellha tagħmel tajjeb għal dan in-nuqqas billi tħallas lill-attriċi dak li din tilfet meta lill-klijenti jew radditilhom il-prezz jew bidlitilhom il-*water heater.* Għal din ir-raġuni, la hemm ħtieġa ta' aktar provi dwar id-difetti, kif qiegħda titlob l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta, u lanqas tqum il-kwistjoni taħt l-Art. 1427 tal-Kodiċi Ċivili, imsemmi fit-tieni eċċezzjoni, jew il-kwistjoni jekk il-konvenuta għandhiex biss trodd il-prezz li tħallset hi mingħand l-attriċi jew tħallasx dak kollu li ħarġet l-attriċi, għax il-ftehim, kif jidher ċar mill-korrispondenza, kien illi l-konvenuta tagħmel tajjeb għat-telf kollu li ġarrbet l-attriċi.

"Fadal biss, għalhekk, il-kwistjoni ta' x'kellha toħroġ l-attriċi wara Frar ta' l-1999 u jekk jifdalx li parti tħallas lill-oħra wara li ssir it-tpaċija mat-tmien miljuni, tliet mija u tmienja u tmenin elf, seba' mija u għaxar liri Taljani (Lit 8,388,710) li fadal fuq l-aħħar konsenja li saret.

"Is-soċjetà attriċi wriet[6] illi wara Frar ta' l-1999, biex trodd il-prezz ta' *water heaters* difettużi jew biex tibdilhom, ħarġet tlitt elef, seba' mija u tlieta u tletin lira u dsatax-il ċenteżmu (Lm3,733.19). Dan jiġi iżjed mit-tmien miljuni, ħames mija u disgħa u erbgħin elf, sitt mija u erbgħa u għoxrin lira Taljani (Lit 8,549,624)[7] li qiegħda titlob fiċ-ċitazzjoni; ir-raġuni hija illi, waqt illi t-talba fiċ-ċitazzjoni hija għal dak li ħarġet l-attriċi sat-18 ta' Settembru 2000, fis-somma ta' tlitt elef, seba' mija u tlieta u tletin lira u dsatax-il ċenteżmu (Lm3,733.19) hemm ukoll dak li ħarġet sal-1 ta' Marzu 2002. Sat-18 ta' Settembru 2000 kienet ħarġet elfejn, sitt mija u tnejn u tmenin lira u disgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm2,682.29). Dan xorta huwa aktar

[5] *Fol.* 344.

[6] *Foll.* 398 *et seqq.*

[7] LIT 8,549,624 = € 4,415.51 = Lm 1,895.58

minn daqs kemm qiegħda titlob l-attriċi fiċ-ċitazzjoni u, billi ma tistax tagħti *ultra petita*, il-qorti tgħid illi l-konvenuta għandha tagħti lill-attriċi tmien miljuni, ħames mija u disgħa u erbgħin elf, sitt mija u erbgħa u għoxrin lira Taljana (Lit 8,549,624). Minn dawn iridu jitnaqqsu tmien miljuni, tliet mija u tmienja u tmenin elf, seba' mija u għaxar liri Taljani (Lit 8,388,710) li l-attriċi għandha tagħti lill-konvenuta, u jifdal bilanċ dovut lill-attriċi ta' mija u sittin elf, disa' mija u erbatax-il lira Taljani (Lit 160,914), li jiġu ħamsa u tletin lira u tmienja u sittin ċenteżmu (Lm35.68)[8]."

**L-appelli intavolati mill-kontendenti.**

Mis-sentenza fuq riportata gewipprezentati kemm appell principali tas-socjeta` attrici kif ukoll appell incidentali tas-socjeta` konvenuta.

Is-socjeta` attrici qed tilmenta li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat ta' kif origina kemm l-ammont mitlub minnha kif ukoll l-ammont pretiz mis-socjeta` konvenuta.

Is-socjeta` konvenuta resqet diversi ilmenti li jistghu jigu sintetizzati hekk:

a) li fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti ma kellhiex tibbaza ruhha fuq l-ittra tas-socjeta` konvenuta tad-9 ta' Marzu, 1999 minghajr referenza ghan-negozjati kollha li sehhew bejn il-partijiet;

b) li s-socjeta` attrici naqset milli taghti prova tad-difetti u li dawn irrizultaw fit-termini tal-garanzija;

c) li l-ewwel Qorti skorrettament skartat dak li jghid l-Artikolu 1427 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) li ma hemmx obbligu ta' rifuzjoni ta' spejjez u danni billi l-konvenuta ma kinitx taf bid-difetti;

e) li ma nghatax imghax fuq l-ammont akkordat lis-socjeta` konvenuta;

---

8 LIT 160,914 = € 83.11 = Lm35.68

f) li s-socjeta` konvenuta ma kellhiex tigi akkollata l-ispejjez kollha la darba t-talba rikonvenzjonali giet milqugha.

**Ikkunsidrat:**

Is-socjeta` attrici qed tilmenta li bil-kalkoli li ghamlet l-ewwel Qorti jigi li hija ser thallas darbtejn l-ammont reklmata mis-socjeta` konvenuta billi l-ammont indikat fil-kontro-talba kien gja` gie mehud in kosiderazzjoni fil-kalkoli maghmula mis-socjeta` attrici biex saret it-tpacija. In sostenn ta' dan is-socjeta` attrici elenkat l-ammonti dovuti lilha u wara li naqset dawn mill-ammont originali ta' Lit 31,460,700 [valur ta' *container* merkanzija konsenjat wara l-ftehim tal-31 ta' Jannar, 1998] waslet ghal konkluzjoni li hi baqghala tiehu l-ammont indikat fic-citazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa d-dokumentazzjoni prezentata in atti u jidhrilha li l-konkluzjoni raggunta mis-socjeta` attrici ma ghandhiex mis-sewwa u dan ghar-ragunijiet segwenti.

Fl-ewwel lok jigi osservat, kif sewwa sostniet is-socjeta` konvenuta fir-risposta taghha ghall-appell mressaq mis-socjeta` attrici, li l-ammonti ta' Lit779,825 u Lit3,000,000, rispettivament reklamati b'referenza ghall-*Credit Note* u Pagament Indebitu, ma ghandhomx jigu kunsidrati fil-kalkoli billi jezorbitaw mill-meritu ta' din il-kawza stante li hawn si tratta ta' kreditu minhabba "*water heaters*" difettuzi li s-socjeta` konvenuta kienet ikkonsenjat lis-socjeta` attrici u li kienet obbligat ruhha li tissostitwixxi.

Jinghad qabel xejn li sabiex din il-Qorti tasal ghal bilanc dovut minn socjeta` lill-ohra, il-punto di partenza huwa l-"*invoice*" 207 ghall-ammont ta' Lit 31,460,700 li jirraprezenta l-prezz tal-konsenja li sehhet wara l-ftehim ta' Jannar, 1998, u dan ghaliex is-socjeta` attrici paciet l-krediti taghha kontra dan l-"*invoice*", mentri s-socjeta`

konvenuta qed tippretendi li ghad fadlilha bilanc dovut lilha wara li jitnaqqsu l-krediti reklamati mis-socjeta` attrici.

Issa minn ezami tad-dokumentazzjoni jirrizulta li bejn il-partijiet kien intlahaq ftehim li sa Jannar 1998 l-pretensjonijiet kollha tas-socjeta` attrici gew determinati fis-somma ta' Lit10,350,000 liema somma, incidentalment, kellha titnaqqas minn konsenji sussegwenti – dan pero` ma sehhx billi r-relazzjonijiet bejn il-partijiet marru ghall-aghar u wara li saret l-ewwel konsenja u cioe` dik ta' Lit 31,460,700 ma sarux aktar konsenji. Jirrizulta li l-ammonti dovuti lis-socjeta` attrici huma s-segwenti:-
a) Lit10,350,000 – sa l-ahhar ta' Jannar, 1998 skond ftehim.
b) Lit 2,597,700 – bejn Frar u 7 ta' April, '98 [dok 4 fol 49]
c) Lit 2,898,000 – bejn April u Gunju, '98 [dok a fol 342]
d) Lit 4,018,581 – bejn Lulju u Ottubru '98 [dok a fol 342]
e) Lit 2,059,308 – bejn Novembru u Dicembru '98 [fol 342]
f) Lit 999,311 – ghal Jannar 1999 [fol 342]
g) <u>Lit 8,549,624</u> – bejn Frar u 14 ta' Settembru '99
**Lit31,472,524 - Total dovut lis-socjeta` attrici sad-data tac-citazzjoni.**

Ghalhekk jekk minn dan l-ammont jitnaqqas l-ammont dovut skond l-*invoice* ghall-konsenja ta' wara Jannar 1998 jigi li s-socjeta` attrici ghad fadlilha tiehu <u>biss</u> Lit11,824.

Minn dan isegwi li s-socjeta` konvenuta ma ghandha ebda kreditu kontra s-socjeta` attrici bhala bilanc mill-*invoice* fuq imsemmija billi l-ammont dovut fuq l-istess *invoice* issa jinsab pacut ma' l-ammont dovut lill-istess socjeta` attrici.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

In vista tal-fuq espost ghandu jinghad li l-hames u sitt aggravji tas-socjeta` konvenuta fl-appell incidentali minnha propost ma jistghux jigu kunsidrati billi ma jistax

jinghata mghax fuq ammont mhux dovut u la darba t-talba kontenuta fil-kontro-talba mhux gustifikata, minhabba t-tpacija, huwa gust li din tigi allokata l-ispejjez kollha tal-kawza.

Ghar-rigward ta' l-aggravji l-ohra din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament gust tas-sitwazzjoni li nholqot bejn il-kontendenti u cioe` li s-socjeta` konvenuta obbligat ruhha li taghmel tajjeb ghad-difetti kollha li rrizultaw fil-"*water heaters*" minnha mibjugha lis-socjeta` attrici, u dana irrispettivament minn kull nuqqas tas-socjeta` attrici li taghti prova tad-difetti jew ta' l-obbligi taht il-garanzija, tant hu hekk li wara l-ftehim ta' Jannar 1998, baqghet tikkunsidra l-ilmenti tas-socjeta` attrici u f'April 1999 anke inkorporat, minghajr kontestazzjoni, kull ammont li kien qed jigi reklamat bhala "*returns*" [ara dok a fol 342]. Fic-cirkostanzi, kif irriteniet l-ewwel Qorti, ma japplikax l-Artikolu 1427 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-ahharnett dwar l-aggarvju bazat fuq l-Artikolu 1429 tal-Kap. 16 u cioe` li l-bejjiegh mhux obbligat ghall-ispejjez u danni jekk ma kienx jaf bid-difett jigi rilevat li l-istess bejjiegh ikun obbligat li jrodd l-prezz anke jekk ma jkunx jaf bid-difetti fil-haga u jidher li s-socjeta` attrici kull ma ghamlet kien li talbet rifuzjoni tal-prezz. Dan l-aggravju ghalhekk ukoll mhux gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti qeghda tiddisponi kemm mill-appell principali kif ukoll dak incidentali billi tvarja s-sentenza appellata u ghalhekk fl-ewwel lok tiddikjara li l-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta mhux gustifikata billi ebda ammont ma hu dovut lilha minhabba t-tpacija li operat ma' l-ammont dovut lis-socjeta` attrici, u fit-tieni lok tiddikjara li s-socjeta` attrici fadlilha biss bilanc favur taghha fis-somma ta' Lit11,824 (ossia Eur. 6.10). Ghalhekk tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma imsemmija. Dwar l-ispejjez tal-kawza tordna li l-ispejjez ta' l-appell incidentali propost mis-socjeta` konvenuta jkunu kollha a kariku tas-socjeta` konvenuta, filwaqt li l-ispejjez tat- talba principali tas-socjeta` attrici kif ukoll dawk tal-kontro talba tas-socjeta`

konvenuta jkunu a karigu tas-socjeta` konvenuta mentri l-ispejjez konnessi ma' l-appell principali intavolat mis-socjeta` attrici jkunu a kariku tal-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------